Verzjoni Elettronika



**A.L. 421 tal-2021**

## ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373)

## Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjoni fl-Użu ta' Flus Kontanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att kontra *Money Laundering*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi, filwaqt li jaġixxi fuq il-parir tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjoni fl-Użu ta' Flus Kontanti, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Restrizzjoni fl-Użu ta' Flus Kontanti, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 373.04.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "jew l-ekwivalenti ta' dik is-somma f'munita oħra:" għandhom jidħlu l-kliem "jew l-ekwivalenti ta' dik is-somma f'munita oħra."; u

(b) il-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz, it-tip u n-numru ta' kwalunkwe dokument uffiċjali ta' identifikazzjoni maħruġ minn awtorità governattiva wżat sabiex tiġi identifikata l-identità ta' individwu, jew kull numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali wżat sabiex jiġi identifikat korp ġuridiku, kif jista' jkun applikabbli, tax-xerrej, tal-bejjiegħ u ta' kull aġent tagħhom;"; u

(b) is-subregolament (2) tiegħu, għandu jiġi mħassar u s-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid fl-intier tiegħu bħala r-regolament 7.

B 3538

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "msemmija fir-regolament 7(1)" għandhom jidħlu l-kliem "msemmija fir-regolament 7"; u

(b) fis-subregolament (4) tiegħu, minflok il-kliem "deskritta fir-regolament 7(1)" għandhom jidħlu l-kliem "deskritta fir-regolament 7".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Is-subregolamenti (2) u (3) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra u s-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament 12 fl-intier tiegħu.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**6.** Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Pieni amministrattivi.

13. (1) Kwalunkwe kummerċjant jew nutar li jonqos milli jikkonforma ma' xi rekwiżit legali skont dawn ir-regolamenti, jew xi proċeduri jew istruzzjonijiet maħruġa skont ir-regolament 12, għandu jeħel piena amministrattiva ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) li għandha tiġi imposta mill-Korp mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ fil-qorti, skont il-politiki u l-proċeduri stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi msemmija fl-Att.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), il-Korp jista', fejn iċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, joħroġ twissija bil-miktub minflok ma jimponi piena amministrattiva.".